**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tad-29 ta' Jannar, 2019**

**Talba Numru: 499/2016 AM3**
**Numru fuq il-Lista: 40**

**J. Zammit Ltd (C37945)**
**Raymond Autodealer**
**Mdina Road,**
**Zebbug**
**Vs**
**Capa Tufan (77174A)**
**24, Flat 6,**
**Cathedral Street,**
**Sliema**

It-Tribunal,
Ra l-Avviz tat-Talba prezentat mis-socjeta' attrici fl-ewwel (01) ta' Novembru, 2016 li permezz tieghu talbet li l-konvenut jigi ordnat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbat elef erba' mija u tmienja u tmenin ewro (€4,488) in konnessjoni ma' bejgh ta' vettura BMW318i bit-targa FBW 819.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bl-Avviz tas-Seduta, il-konvenut ma kkontestax il-kawza fit-termini preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra x-xhieda tar-rapprezentant tas-socjeta' attrici li permezz taghha kkonferma li l-ammont ghadu dovut.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta` attriċi u l- konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta` attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbat elef erba' mija u tmienja u tmenin ewro (€4,488) bl-imghaxijiet legali mil-lum sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż inkluzi huma a kariku tal- konvenut.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikatur**